**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 4 ta' Lulju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Carmel Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Carmel Azzopardi,** iben Carmel u Rose nee` Scicluna, imwieled Pieta nhar it-12 ta' Novembru 1960 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0738160M

Akkużat talli nhar it-3 ta' Settembru 2023, għal ħabta ta' 07:00hrs u fil-ħinijiet ta' qabel eżattament fejn jarma l-monti fil-beraħ, ġewwa Triq il-Kavv, Giovanna Galdiano, Floriana:

1. Kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tiegħu jew żamm kampjuni ta' għasfar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur li mhux inklużi fl-iskeda II jew fl-Iskeda III u meta dak l-għasfur ma kienx ġie important legalment skont id-disposizzjonijiet tar-Reg 6(1)(a), jew ġie meħud jew akkwistat legalment fi Stat Membru jew imrobbi fil-magħluq u dan bi ksur ta' Reg 4(1)(e) (ii-iv) ta' L.S. 549.42;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, biegħ jew ġarr għall-bejgħ, żamm għall-bejgħ, jew offra għall-bejgħ kampjun ħaj ta' għasfur mhux inkluż fl-Iskeda III(a) u III(B) li ma ġiex imrobbi fil-magħluq u dan bi ksur ta' Reg 6(1)(d) ta' L.S. 549.432;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

## Ikkonsidrat

L-imputat qiegħed jiġi akkużat li kien fil-pussess illegali ta' tlettax -il għasfur, u li poġġa għal bejgħ għasafar li ma ġewx imrobbija fil-magħluq. In sostenn ta' dawn l-akkużi, il-prosekuzzjoni preżentat affidavit ta' PS661 u PC47 li t-tnejn ikkonfermaw li fit-3 ta' Settembru 2023 għall-ħabta tas-sebgħa ta'

filgħodu (07:00) waqt spezzjoni li kienu qed jagħmlu l-Furjana dwar bejgħ illegali tal-għasafar, kienu sabu lill-imputat li kellu numru ta' gabjetti b'għasafar, *ossia* vrieden u griedel, li ma kellhom l-ebda tip ta' ċurkett ma' saqajhom. Ritratti ta' dawn l-għasafar, u tal-għasafar fil-gabjetti kif instabu mill-uffiċjali tal-pulizija ġew esebiti in atti.

Il-prosekuzzjoni produċiet bħala xhud ukoll lil Cassie Grech li kkonfermat li hija kienet preżenti waqt l-ispezzjoni li kienet saret fit-3 ta' Settembru 2023 fir-rigward tal-għasafar li l-imputat kellu għall-bejgħ. Hija xehdet li l-imputat kellu numru ta' European Greenfinches fuq mejda li kienu mlibbsa ċurkett magħluq ta' daqs tajjeb għall-ispeċi tagħhom u li għalhekk m'humiex suġġett ta' dawn il-proċeduri, ħlief għal wieħed li kien liebes ċurkett magħluq li ma kienx ta' daqs tajjeb għall-ispeċi u li għalhekk ġie elevat u huwa parti mill-mertu ta' dawn il-proċeduri. Xehdet illi mal-art kien hemm numru ta' European Goldfinches u European Greenfinches li ma kienu mlibbsa l-ebda ċurkett u għalhekk ġew elevati. Ġew elevati wkoll numru ieħor ta' European Goldfinches u European Greenfinches li kienu moħbija f'basket mal-art għaliex ma kienu mlibbsa l-ebda ċurkett. B'kollox ġew elevati disa` griedel (European Goldfinches) u erba` vrieden (European Greenfinches).

L-imputat għażel li jixhed u qal li huwa minnu li l-għasafar mertu ta' dawn il-proċeduri ma kinux imlibbsa ċurket. Huwa spjega li ma kienx libbishom ċurkett għaliex jekk l-omm tinduna li l-frieħ tagħha jkun messhom xi ħadd hija toqtolhom, u kien għalhekk li ma setax illibishom ċurkett meta kienu għadhom frieħ zgħar.

Ikkonsidrat dan kollu, il-Qorti tqis li l-ewwel akkuża tirriżulta pruvata lil hinn minn kull dubbju raġonevoli. Il-fatt li l-imputat beża` jlibbes dawn il-għasafar ċurkett għaliex skont hu jekk immishom setgħet toqtolhom ommhom mhijiex skużanti f'għajnejn il-liġi. Il-liġi tesiġi li l-għasafar mertu ta' din il-kawża jitlibbsu ċurkett fl-ewwel ġranet ta' ħajjtihom, jew li ssirilhom *microchip* jekk dan ma jkunx possibli, sabiex ikunu jistgħu jinżammu legalment. Fin-nuqqas, l-imputat ma setax jibqa' fil-pussess ta' dawn l-għasafar.

Fir-rigward tat-tieni akkuża id-difiża tikkontendi li l-imputat ma jistax jinstab ħati peress illi fiċ-ċitazzjoni ġie ndikat li l-fatti msemmija fit-tieni akkuża jammontaw għal ksur tar-regolament 6(1)(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.432 u din il-leġislazzjoni sussidjarja ma teżistix.

Il-Qorti tosserva li skont l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali, iċ-ċitazzjoni jeħtieġ li jkun fiha, *inter alia,* dettalji dwar il-fatti, lok u żmien li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Dan l-artikolu imkien ma jsemmi li c-ċitazzjoni trid tinkludi wkoll indikazzjoni tad-disposizzjonijiet legali li jkunu allegatament inkissru mill-imputat. Wara kollox, id-determinazzjoni dwar liema reat ikun ġie kommess li jammonta għall-fatti indikati fiċ-ċitazzjoni u pruvati mill-prosekuzzjoni waqt il-kawża hija determinazzjoni li taqa` għal kollox entro d-diskrezzjoni tal-Qorti. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gaetano Portelli et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru 2001:

> "L-indikazzjoni, da parti tal-Pulizija Ezekuttiva, fuq il-komparixxi ta' xi disposizzjonijiet tal-ligi ma hix parti mill-imputazzjoni jew imputazzjonijiet. Imputazzjoni tigi formulata billi jissemmew "il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw" – ara l-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 374(i)(i) tal-istess Kodici. **Spetta ghall-qorti, u mhux ghall-Pulizija Ezekuttiva, li tiddetermina ghal liema reat jew reati jammontaw dawk il-fatti imputati. Ghalhekk, il-fatt li l-Pulizija, fuq il-komparixxi, tindika artikolu wiehed jew aktar tal-Kodici Kriminali b'ebda mod ma jfisser li l-qorti tkun marbuta li tara biss dawk l-artikoli hekk indikati.**" [enfazi ta' din il-Qorti].

Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-argument tad-difiża m'għandux mis-sewwa. Fir-rigward tal-mertu tal-imputazzjoni, il-Qorti tosserva li għalkemm huwa minnu li l-imputat xehed li l-għasafar li kienu għal bejgħ kienu minn ġenituri li kellu hu, skont ir-regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 biex għasfur ikun jista' jitqies li ġie mrobbi fil-magħluq, dan l-għasfur għandu mhux biss ikun tfaqqas u trabba minn ġenituri miksuba skont il-liġi f'ambjent kontrollat mill-bniedem, iżda wkoll, fejn ikun għasfur tat-territorju Ewropew, għandu jkun ġie mlibbes ċurkett magħluq jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali mikroċippa *transponder* li għandhom jiġu evalwati mill-WBRU. Il-Qorti diġa sabet illi l-għasafar mertu ta' din il-kawża ma kinux imlibbsa ċurkett, u wieħed kien imlibbes ċurkett ta' daqs ħażin. Għaldaqstant il-Qorti tqis li din l-akkuża wkoll ġie suffiċjentement pruvata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4(1)(e), 6(1)(d) u 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' disa' mitt ewro (€900) li tista titħallas permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' tletin ewro (€30).

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-għasafar indikat f'Dok CA4 u s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal tlett snin.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur